**QORTI CIVILI PRIM AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Lulju, 2020**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 296/2020**

**S&D Yachts Limited**

**vs**

**Il-Bastiment M/Y JOHNNY M**
**registrat gewwa Malta bin-numru ufficjali 14800**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-13 ta’ Mejju, 2020 li jghid hekk:

1. Illi l-bastiment intimat M/Y JOHNNY M huwa yacht registrat taht il-bandiera marittima Maltija li ghandu n-numru ufficjali tar-registrazzjoni 14800 (Certifikat tar-Registru Marittimu Malti ghal-bastiment M/Y JOHNNY M hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi s-socjeta S&D Yachts Limited (C3476) bl-indirizz 'Sea Breeze', Giuseppe Cali Street, Ta' Xbiex, Malta, pprovdiet numru ta' servizzi lill-bastiment M/Y JOHNNY M konsistenti fl-irmiggar tal-bastiment u hlas ghall-konsum ta' elettriku u ilma fil-perjodu bejn is-sena elfejn u sittax (2016) sas-sena elfejn u ghoxrin (2020);

3. Illi s-servizzi pprovduti lill-bastiment M/Y JOHNNY M, u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni mal-bastiment intimat jaqghu taht l-Artikolu 742B(o) u (q) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi s-socjeta rikorrenti harget tlett (3) fatturi ghal dawn l-imsemmijin servizzi. Komplessivament dawn il-fatturi, li jirriflettu is-servizzi moghtija lill-bastiment intimat,

jammontaw ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11) u dana kif indikat fid-dikjarazzjoni tal-fatturi pendenti mahruga mis-socjeta rikorrenti (hawn annessa u mmarkata Dok. B) u kif provdut mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C, Dok. D u Dok. E. Dan l-ammont jikkonsisti fis-segwenti:
●Dok. C: Fattura numru IN 003500 datata wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-ammont ta' tnax-il ewro u tmienja u tletin centezmu (€12.38) konsistenti fi hlas mis-socjeta rikorrenti ghall-konsum tal-elettriku u ilma pprovdut minn Transport Malta lill-bastiment M/Y JOHNNY M;
●Dok. D: Fattura numru IN 005616 datata hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u erbatax-il ewo u tlieta u sebghin centezmu (€16,714.73) konsistenti f'servizzi ta' irmiggar ghal-bastiment M/Y JOHNNY M ghal perjodu bejn is-sena elfejn u sittax (2016) u s-sena elfejn u dsatax (2019) u fi hlas mis-socjeta rikorrenti ghall-konsum tal-elettriku u ilma pprovdut minn Transport Malta lill-istess bastiment;
●Dok. E: Fattura numru IN 006542 datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' disat elef mitejn u erba' ewro (€9,204) konsistenti f'servizz ta' irmiggar ghal-bastiment M/Y JOHNNY M ghal perjodu bejn is sena elfejn u dsatax (2019) u s-sena elfejn u ghoxrin (2020);

5. Illi l-imsemmijin fatturi gew accettati mill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi giet mqajma mill-bastiment intimat dwarhom;

6. Illi minkejja l-fatt illi s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu sabiex jersqu ghal hlas tal-fatturi relattivi, huma baqghu inadempjenti u sal-gurnata tal-lum dan l-ammont ghadu ma giex rimborzat lis-socjeta rikorrenti. Ghaldaqstant il-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11);

7. Illi l-imsemmi ammont ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti nomine, il-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Jghid ghalhekk il-bastiment intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti S&D Yachts Limited fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11) ghal servizzi ta' irmiggjar pprovduti lill-istess bastiment M/Y JOHNNY M;

3. Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti S&D Yachts Limited is-somma hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;

BI-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-bastiment konvenut prezentata fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020 ghall-ammont kif dedott;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Il-Qorti ftit ghandha x'izied tenut kont li l-bastimat konvenut ammetta d-debitu fil-konfront tas-socjeta attrici.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi in segwitu ghall-ammissjoni tal-bastiment konvenut tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija wiehed u tletin ewro u hdax-il centezmu (€25,931.11), rapprezentanti servizzi moghtija lill-istess bastiment konvenut kif jidher mill-fatturi annessi mar-rikors promotur, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur